**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 13 ta' Gunju 2017**

**Rikors Numru. 158/2013**

**Kenneth Vassallo**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

## It-Tribunal,

Ra r-rikorsipprezentat minn **Kenneth Vassallo** fl-24 ta' Settembru 2014 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

> *"Illi permezz ta' ittra datata 9 ta' Settembru 2013 (TM Ref. No. TM733/2013, Anness Dok. 'A') l-Awtorità appellata imponiet fuq l-esponenti penali amministrattiva ta' €100 u 10 punti ta' penali minħabba allegat ksur tar-Regolament 65 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (L.S. 499.56), konsistenti f'allegazzjoni li fit-3 ta' Awissu 2013, fid-Dwejra, San Lawrenz, Għawdex għall-ħabta tal-10:55, fil-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri bin-numru ta' reġistrazzjoni ZPY-001 ħalla passiġġieri bil-wieqfa fuq l-imsemmija vettura waqt li din kienet miexja;*
>
> *Illi l-esponenti ħass ruħu aggravat bl-imsemmija deċiżjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta datata 9 ta' Settembru 2013 u qed jinterponi dan l-appell mill-istess deċiżjoni.*

*Illi l-aggravji tal-esponenti huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:*

1. *L-esponenti jaħdem bħala xufier mal-kumpannija Zarb Coaches Limited;*

2. *Fil-ġurnata tal-allegata vjolazzjoni huwa kien qiegħed isuq il-vettura għall-ġarr ta' passiġġieri bin-numru ta' reġistrazzjoni ZPY-001 fid-Dwejra, San Lawrenz, Għawdex.*

3. *F'dak il-ħin kien hemm ukoll vettura oħra tad-ditta City Sightseeing;*

4. *Waqt spezzjoni tal-uffiċjali tat-Transport Malta instab illi l-vettura ta' City Sightseeing kellha tliet passiġġieri aktar milli setgħet iġġorr. Għalhekk ġie maqbul li dawn it-tliet passiġġieri jitilgħu fuq il-vettura misjuqa mill-esponenti billi kien għad hemm seats vojta fejn dawn setgħu jiġu akkomodati;*

5. *L-esponenti tela' fil-parti ta' fuq tal-vettura ZPY-001, li hija double-decker open top bus, sabiex jivverifika li l-passiġġieri kienu kollha bilqegħda qabel ma saq l-istess vettura;*

6. *Meta niżel isfel, u evidentement il-vettura kienet għadha wieqfa għax ma kienetx qed tinstaq, l-ispettur ta' Transport Malta talbu t-tag;*

7. *Ftit ġranet wara, l-esponenti irċieva ticket b'allegazzjoni li kiser ir-Regolament 65 tal-L.S. 499.56;*

8. *Minkejja li dawn il-fatti ġew kollha miġjuba għall-attenzjoni ta' Transport Malta permezz ta' ittra datata 2 ta' Settembru 2013 (anness Dok. 'B'), Transport Malta ma aċċettatx ir-rappreżentazzjonijiet tal-esponenti u imponiet penali amministrattiva u punti ta' penali kif indikat aktar 'l fuq;*

9. *Is-sottomissjoni tal-esponenti hija waħda sempliċi, l-Awtorità intimata ma setgħet tasal għall-konklużjoni minnha proprju għaliex il-fatti addebitati lill-esponenti ma kienux jissussistu: f'ebda mument l-esponenti saq il-vettura ZPY-001 filwaqt li kellu passiġġieri bil-wieqfa;*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, l-esponenti filwaqt li jirriżerva d-dritt li jipproduċi dawk il-provi li huwa għandu dritt li jressaq ai termini tal-Liġi, jitlob lil dan Onorabbli Tribunal sabiex iħassar id-deċiżjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta datata 9 ta' Settembru 2013 hawn fuq riferita."*

Ra ir-risposta tal-**Awtorita` intimata** ipprezentata fil-11 ta' Ottubru 2013 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"1. Illi preliminarjament in-nuqqas ta' kompetenza ratione materiae ta' dan it-Tribunal sante illi huwa kompetenti it-Tribunal responsabbli ghal Revizjoni fil-Gzira ta' Ghawdex.*
*2. Fil-mertu, illi d-decizjoni ta' l-Awtorita` timmerita konferma stante illi kif ser jigi stabbilit u konfermat waqt it-trattazzjoni tal-kaz, il-fatti ma humiex kif esposti mill-appellant."*

Ra is-sentenza preliminari rigward l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata moghtija fl-20 ta' Jannar 2014 kif konfermata bid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell datata 27 ta' April 2016;

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti ipprezentati;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors gie mholli ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 9 ta' Settembru 2013 li permezz taghha infurmatu li kienet qed timponi fuqu penali amministrattiva ta' mitt ewro u ghaxar punti ta' peanli peress li kiser Regolament 65 tar-Regolamenti Dwar is-Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri.

Illi r-Regolament citat jghid is-segwenti:-

*"L-ebda xufier m'għandu jħalli passiġġieri bilwieqfa fuq il-vettura għall-ġarr tal-passiġġieri waqt li din tkun miexja."*

Illi r-rikorrent stqarr illi huwa jahdem ma' Zarb Coaches bhala xufier meta xi tlett snin qabel kien qieghed xoghol id-Dwejra, fejn mieghu kien hemm *double decker* ehor ta' Zarb Coaches u iehor tal-Kumpanija City Sightseeing. Jispjega li n-numru tad-*double decker* tieghu kien ZPY 001. Jghid li waqt li kien wieqaf fil-post kien ra ufficjali tal-Awtorita` ikellmu lix-xufier tal-Kumpanija City Sightseeing wara li waqqfu l-istess *double decker* u nizzlulu xi tlieta min-nies ghax kellu nies iktar milli suppost. Jispjega li peress li huwa kellu xi ghoxrin post vojt, in-nies zejda talbuh jitilghu mieghu u wara mar ufficjal tal-Awtorita` intimata u talbu t-tag u meta r-rikorrent staqsih ir-raguni ghala riedha, l-istess ufficjal qallu "*just* rutina".

Ir-rikorrent jispjega illi l-ufficjal tal-Awtorita` intimata ma telghax got-trakk tieghu.

**Eucharist Camilleri**, ufficjal tal-Awtorita` intimata, spjega illi fit-3 ta' Awissu 2013 waqt li kien xoghol l-Imgarr dahlilhom rapport illi kien hemm zewg *open*

*tops* li kellhom fuqhom nies iktar milli suppost. Ghalhekk huma marru d-Dwejra fejn sabu zewg *open tops,* wahda minnhom misjuqa mir-rikorrent u ohra ta' xi hadd iehor. Jghid li huma kellmu lix-xufiera u qaluluhom biex ma jergghux jghabbu nies iktar milli suppost. Jghid li x'hin dawn l-*open tops* bdew mexjin huwa waqqafhom u hu dahal fl-*open bus* misjuqa mir-rikorrent u infurmah li kellu tlieta min-nies bilwieqfa u r-rikorrent qallu li dawk in-nies bilwieqfa kienu qed jiehdu hsieb l-istudenti. Jispjega li anke kien hemm xi studenti fil-livell ta' fuq tal-open *bus* li kienu fuq ir-*railings* ghalkemm kellhom post fejn joqoghdu.

Illi t-Tribunal awtorizza wkoll konfront bejn ir-rikorrent u Eucharist Camilleri fejn iz-zewg xhieda zammew mal-verzjoni taghhom.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent gie penalizzat peress li skond l-Awtorita` intimata halla persuni bilwieqfa waqt li l-vettura kienet qieghdha miexja. Din l-infrazzjoni ssib il-bazi taghha f'Regolament 65 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 su citata. Illi meta l-Awtorita` intimata tirriskontra tali infrazzjoni hija ghandha zewg ghazliet, u cioe`, jew li tipprocedi kriminalment kontra x-xufier jew inkella taghzel li timponi penali amministrattiva, kif sehh f'dan il-kaz. Illi a tenur tar-Regolament 107 jekk l-Awtorita` tiddeciedi li tipprocedi kriminalment ghal infrazzjoni bhal dik odjerna, il-persuna akkuzata tkun suġġetta għal multa li ma teċċedix tliet elef euro (€3,000). Barra minn dan, il-Qorti ghandha tordna lill-Awtorità biex timponi fuq dik il-persuna punt ta' penali għal kull għaxar euro (€10) jew parti minnu impost fuq dik il-persuna bħala multa. Min-naha l-ohra, a tenur ta' Regolament 108, l-Awtorita` ghandha d-diskrezzjoni li timponi penali amministrattiva ta' mitt ewro (€100) u l-punti tal-penali korrispondenti ammontanti ghal 10 punti fuq kull xufier li jikser id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 65.

Illi d-difensur tar-rikorrenti issottometta preliminarjament illi l-penali amministrattiva imposta fuq ir-rikorrent, ghalkemm tissejjah "penali amministrattiva" hija min-natura taghha wahda penali u ghalhekk l-oneru tal-prova fuq l-Awtorita` intimata li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli u li kwalunkwe kunflitt fil-provi ghandu jigi interpretat favur ir-rikorrent. Illi in sostenn ta' dan l-argument ir-rikorrent iccita diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u anke gurisprudenza lokali.

Illi t-Tribunal ezamina s-sentenzi citati mid-difensur tar-rikorrent fit-trattazzjoni orali u jqis li l-iktar sentenza relevanti ghall-kaz in ezami hija dik lokali deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Federation of Estate Agents vs Direttur

Generali tal-Kompetizzjoni et.[1] Illi fil-kawza citata l-Federazzjoni rikorrenti impunjat il-proceduri legali mehuda kontra taghha mid-Direttur Generali (Kompetizzjoni) minhabba allegat ksur tal-Artikolu 5 (1) tal-Kapitolu 379 u l-Artikolu 101 (1) tat-Trattat Dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Illi l-istess proceduri legali gew impunjati minhabba allegat ksur tad-dritt fundamentali taht artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u dan stante li l-Federazzjoni rikorrenti kienet qed tallega li l-multa amministrattiva li tista' tigi inflitta fuqha jekk jinstab ksur tista' tlahhaq miljun, mitejn u ħamsin elf euro (€1,250,000) u allura hija essenzjalment sanzjoni penali. Illi f'dawk il-proceduri il-Federazzjoni rikorrenti inghatat ragun li l-multa li tista' tigi inflitta fil-konfront taghha tista' titqies bhala ta' natura kriminali. Illi pero` dan it-Tribunal iqis li ghalkemm il-multi inflitti u mertu tas-sentenza appena citata gew dikjarati li huma ta' natura penali, dawn l-istess multi huma ferm u ferm severi minn dawk odjerni. Inoltre l-legislatur fit-tfassil tieghu tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 proprju haseb biex jitratta ma' dawn l-infrazzjonijiet kif l-Awtorita` intimata, fid-diskrezzjoni taghha, thoss li ghandha tipprocedi, u cioe`, jew b'multa amministrattiva jew bi proceduri kriminali. Illi filwaqt li fil-kamp penali l-Awtorita` intimata ghandha obbligu ferm iktar oneruz biex tipprova dak allegat minnha, l-istess huma l-multi li jistghu jigu inflitti fl-istess kamp. Mentri meta si tratta ta' multa amministrattiva din hija ferm iktar temprata. Illi ghalhekk dan it-Tribunal mhuwiex tal-fehma illi multi amministrattivi ta' dan it-tip ghandhom jigu trattati daqs li kieku kienu multi inflitti wara process kriminali u ghaldaqstant l-oneru tal-prova dwar dak allegat jibqa' regolat bir-regoli procedurali fil-kamp amministrattiv, u cioe`, li l-gudikant ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli.

Illi x-xhieda moghtija f'dawn il-proceduri hija wahda konfliggenti ghall-ahhar bir-rikorrent jghid li huwa ma kellux nies iktar milli suppost u li huwa gie mitkellem mill-ufficjal tal-Awtorita` intimat waqt li kien wieqaf u ghalhekk qatt ma seta' jigri li kellu xi passiggieri bilwieqfa waqt li kien miexi. Min-naha l-ohra, l-ufficjal tal-Awtorita` intimata, kien kategoriku ghall-ahhar u sostna li r-rikorrent kellu tlett passiggieri bilwieqfa waqt li l-vettura kienet miexja u li meta mitkellem stqarr li l-persuni bilwieqfa kienu s-*supervisors* tal-istudenti.

[1] 3 ta' Mejju 2016

Illi fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet.

Illi mill-provi jirrizulta illi dakinhar li allegatament sehh dan il-kaz, ir-rikorrent ma kienx qieghed wahdu bl-*open top bus* tal-Kumpanija li jahdem maghha, imma kien hemm *open top bus* ohra misjuqa minn xufier iehor. Illi skond ir-rikorrent l-ufficjal tal-Awtorita` waqqaf lix-xufier tal-*open top bus* li ma kinitx tal-Kumpanija taghhom, liema *open top bus* kienet miexja filwaqt li l-*open top buses* taghhom kienu weqfin.

Illi dan it-Tribunal ma jara l-ebda raguni ghala m'ghandux jemmen il-verzjoni moghtija mill-ufficjal tal-Awtorita` intimata li xehed b'mod car hafna u minghajr ezitazzjonijiet. It-Tribunal josserva illi skond ir-rikorrent, fil-hin in kwistjoni kien hemm *open top bus* ohra tal-istess Kumpanija li ghaliha kien jahdem. Madankollu r-rikorrent ma pproduciex lil dan ix-xufier biex jikkorrobora l-verzjoni tieghu. Jispjega wkoll huwa rcieva c-citazzjoni erbat ijiem wara l-gurnata tal-incident in kwistjoni. Zgur li sa dakinhar il-Kumpanija kellha records tal-vjaggi li ghamlet u ghal min kienet ghamlithom, u ghalhekk ir-rikorrent kien f'posizzjoni li jtella' bhala xhieda s-*supervisors* li kien hemm mal-istess studenti jew inkella provi dokumentarji ohra li setghu kienu fil-pussess tal-Kumpanija li jahdem maghha sabiex jikkorraboraw dak li qal hu.

Illi dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi x-xhieda ta' Eucharist Camilleri ghandha tigi emmnuta ghaliex fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal ma sar l-ebda zball kif allegat mir-rikorrent. Il-coaches tal-Kumpanija Zarb Coaches u tas-City Sightseeing kellhom kulur differenti u mhux il-kaz li wiehed jithawwad *coach* ma' ohra. Illi ghaldaqstant it-Tribunal iqis li r-rikorrent kien in kontravvenzjoni ta' Regolament 65 tar-Regolamenti ghas-Servizz ta' Garr ta' Passiggieri peress li kellu nies weqfin waqt li l-vettura kienet qieghdha tigi misjuqa.

Illi finalment it-Tribunal jixtieq jikkumenta dwar il-mod kif operaw l-ufficjali tal-Awtorita` intimata, u minn kliem Eucharist Camilleri, donnu li hi l-prassi. Camilleri stqarr illi meta marru fuq il-post sabu l-*open top buses* li kellhom nies iktar milli suppost. Qal ukoll illi l-prassi hi li jigbdu l-attenzjoni tax-xufiera u jwiddbuhom biex dan ma jerghax isir. Illi pero` hija haga naturali li jekk il-passiggiera zejda jithallew fuq l-istess vettura dawn mhux se jkollhom post fejn joqoghdu bilqieghda hekk kif il-vettura tibda timxi u ghalhekk l-istess xufiera jkunu in kontravvenzjoni ta' Regolament 65. Illi dan it-Tribunal ghalhekk huwa

tal-opinjoni illi jekk ikun hemm nies zejda fuq xi vettura simili dawn ghandhom jitnizzlu u mhux jithallew fuq il-vettura biex imbaghad l-istess vettura tigi mwaqqfa hekk kif appena tibda timxi u x-xufier jinghata l-kontravvenzjoni. Ghalhekk dan it-Tribunal jigbed l-attenzjoni tal-Awtorita` intimata illi ghandha tizgura illi l-ufficjali taghha ghandhom jenforzaw il-ligi appena jsibu infrazzjoni taghha u mhux semplicement jaghtu twiddiba meta l-istess sitwazzjoni se tkun il-kagun ta' infrazzjoni ulterjuri.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija qieghed jichad l-appell tar-rikorrenti u jilqa t-tieni eccezjoni tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**